# Għajn tal-Ilma tal-Ħajja

**Mons Lawrenz Sciberras**



It-titular sabiħ li hemm fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù l-Fontana, xogħol tal-pittur Malti Ġuiseppe Cali, impitter f'1904 jirrappreżenta lil Kristu, imlibbes bi ħwejjeġ rjali tassew. Ukoll iż-żewġ kuluri li tant jiddominaw jikkonfermaw lil dan Kristu Sultan. Issa bil-kuruna tad-deheb fuq rasu u xejn anqas bil-qalb divina fin-nofs, simbolu ta' liema qalb ġiet minfuda b'lanza meta Ġesù kien diġà mejjet. Dan Ġesù b'idu l-leminija merfugħa 'l fuq f'pożizzjoni li qed ibierek, fil-waqt li bix-xellugija qed jurina qalbu. Dan kollu jidher ċar u qawwi hekk li wieħed iħares lejn l-inkwadru tal-Calì.

Biss ftit nies jagħtu kas ta' isfel tal-pittura, fejn ħdejn riġlejn Ġesù hemm għajn ta' ilma, liema ilma jidher ħiereġ igelgel bl-abbundanza. U ħdejn din l-għajn hemm miktub bil-Latin *Fons Vitae*, jiġifieri Għajn tal-Ħajja. Dan kollu huwa tifsir impitter fuq it-tila ta' kliem il-profeta Isaija meta qal: "Kollkom ferħana timlew l-ilma mill-għejun tas-salvazzjoni" (Is 12,3). Prinċipalment tlieta huma l-okkażjonijiet fil-Vanġelu fejn Ġesù tkellem mill-ilma, u l-ilma tal-ħajja, inkella li huwa stess kien għajn ta' ilma. Dawn it-tliet okkażjonijiet huma, (a) fid-djalogu tiegħu mal-Mara Samaritana (Ġw 4,1-41), (b) it-tieni fl-okkażjoni tal-festa tal-Għerejjex f'jum l-ilma (Ġw 7,37-39), u (c) it-tielet meta issa Ġesù kien diġà mejjet suldat nifidlu ġenbu u minnufih ħareġ demm u ilma (Ġw 19,31-37). Interessanti ħafna l-fatt li dawn it-tliet okkażjonijiet qegħdin biss fil-vanġelu ta' San Ġwann.

Qabel ma nidħol biex ngħid dwar it-tifsira tal-ilma fid-djalogu mas-Samaritana sewwa li ngħidu xi ħaġa dwar il-post fejn sar id-djalogu ta' Ġesù mas-Samaritana, jiġifieri ħdejn il-bir ta' Sikar, l-antika Sikem. Bosta tifkiriet bibbliċi huma marbutin ma' dan il-post: Hawn ħdejn il-balluta ta' Mori, Alla wiegħed li jagħti l-art lil Abram (Ġen 12,6-7). Hawn skont Dt 1,29, Alla wiegħed li jkeċċi l-ġnus minn quddiemek. Hawn ukoll Ġożwè flimkien mat-tribujiet kollha jġeddu l-patt ma' Alla (Ġoż 24,25-27). Hawn seħħet dik ix-xena grandjusa tas-saħtiet u tal-barkiet minn fuq il-muntanji Ebal u Gariżim (Dt 27 4-28 – 6). Dejjem skont it-tradizzjoni tas-Samaritni, fuq il-muntanja Garizim, Noè wara d-dulluvju waqqaf altar, kif ukoll sar is-sagrifiċċju ta' Abraham. Mela dan l-imkien ifakkar fil-passat wieħed ta' grazzja u adorazzjoni.

**Djalogu mas-Samaritana**

Din il-ġrajja nsibuha biss fir-raba' vanġelu. Interessanti kif l-evanġelista din il-laqgħa ta' Ġesù mas-Samaritana jagħtiha importanza enormi. Ibda biex it-tul stess tad-djalogu li sar bejn Ġesù u l-mara Samaritana. It-tieni l-evanġelista jgħid preċiż **fejn saret il-laqgħa** "Ġie f'belt tas-Samarija, jisimha Sikar, qrib il-biċċa art li Ġakobb kien ta lil ibnu Ġużeppi, fejn kien hemm ukoll il-bir ta' Ġakobb" (Ġw 4, 5). It-tielet l-evanġelista jkompli jżid ukoll il-waqt ta' **x'ħin beda id-djalogu** bejn dawn iż-żewġ personaġġi; "Kien għall-ħabta tas-sitt siegħa" (Ġw 4,6). Dettalji u rqaqat bħal dawn xejn mhu faċli li ssibhom f'okkażjonijiet oħra. Iż-żewġ personaġġi ltaqgħu flimkien ħdejn bir. Il-ħin tal-ġrajja – is-sitt siegħa - xejn ma kien wieħed normali. Għaliex li mara toħroġ timla l-ilma preċiż fl-aktar ħin tad-dawl nofsinhar xejn ma kien jinżel għal dawk in-nies tal-Palestina. Bejniethom dawn iż-żewġ personaġġi kien hemm **differenza kbira fil-grad tar-razza**. Ir-raġel li fil-kas tagħna kien Ġesù kien Lhudi, hija kienet Samaritana. Dawn iż-żewġ razez ma kenux jitħamlu flimkien. Din l-verità joħroġha għad-dawl l-evanġelista stess: "Għax il-Lhud ma jitħalltux mas-Samaritani".

Iżda dan għal Ġesù assolutament ma kien jimporta xejn. Tant hu veru dan li kien **Ġesù nnifsu** li beda d-diskursata anzi talab xi ħaġa minn għand dik il-mara minkejja li kienet Samaritana. U d-diskors kien fuq l-ilma. "Agħtini nixrob". Il-mara nħasdet waħda sew,

għal fatt li dan ir-raġel aktar u aktar għaliex kien Lhudi talab lilha mara Samaritana l-ilma. Ġesù hawn deher bħala ilma, anzi ilma ħaj, ilma li min jixrob minnu ma jerġà qatt jagħtih l-għatx. "Weġibha Ġesù: Kull min jixrob minn dan l-ilma jerġa jagħtih l-għatx; imma min joxrob mill-ilma li nagħtih jien qatt iżjed ma jkun bil-għatx" (Ġw 413). Hawn qiegħed il-kuntrast bejn l-ilma ta' Ġesù u dak tad-dinja.

Il-mara Samaritana rat quddiemha biss raġel Lhudi, u mhux iben Alla, rat raġel għajjien u mifni u mhux dak li qed jitlob ġid u kapaċi jaqtgħalha l-veru għatx ta' ruħha! Rat pellegrin mejjet bil-għatx u mifni bis-sħana u mhux lil Dak li jaqta' l-għatx tassew tad-dinja. Rat biss l-estern, kif kienet imdorrija tagħmel. Tant hu veru dan li hija diġa kienet qagħdet ma' ħamest irġiel "u r-raġel li għandek miegħek bħalissa m'huwiex żewġek. Sewwa weġibt" (Ġw 4,18). Il-mara billi aktar kienet mgħaddsa fl-ilma mdardar u kollu ħama ta' din id-dinja, allura l-ilma ħaj, ċar u frisk li kellha quddiemha ma setgħetx tintebaħ bih! **Għajnejha kienu għadhom wisq imċajprin bit-tajn tal-pjaċiri senswali** li kienet għaddiet minnhom! L-ilma tagħha kien jaqtgħalha l-għatx biss għal ftit tal-ħin, imbagħad l-mara kienet kostretta terġà tiġi fejn kienet qabel. Bl-istess xewqat, bl-istess pjaċiri mdardrin u bl-istess riżultati mgħawġin u koroh bħal dawk ta' qabel! Frugħa tal-frugħat, u kollox frugħa, jikkonkludi l-Kohelet.

**Ilma differenti**

Ġesù lil din is-Samaritana ried juriha bil-provi li hemm żewġ kwalitajiet ta' ilma. Dak naturali, mela l-ilma li jservi biss għal din il-ħajja u **dak li għandu minnu huwa biss**. Minkejja li dak ir-raġel (Ġesù) ma kellux il-ġarra biex jimla biha u aktar u aktar minkejja li l-bir kien fond (Ġw 4,11) huwa biss kellu ilma kapaċi jaqtà l-għatx tassew. Kliem Ġesù lil dik il-mara għamlilha l-kuraġġ biex titlob lilu jagħtiha minn dak l-ilma. Għaliha kienet biċċa ngombru li toqgħod ġejja u sejra bil-ġarra f'idejha, u bir-riskju li tinkisrilha għaliex il-ġarra kienet tal-fuħħar. Għalhekk ippreferiet l-ilma ħaj u frisk ta' dak ir-raġel Lhudi. Persważa minn dan l-ilma qaltlu "Sinjur, mnejn se ġġib l-ilma ħaj jekk anqas biex timla ma għandek u l-bir huwa fond?"

Dan ir-raġel li offra minn dan l-ilma lis-Samaritana ma għadux aktar "Lhudi", anqas "raġel", Imma issa sar "Sinjur". It-taħwid u l-konfużjoni kienu għadhom iberrnu f'moħħha u aktar f'qalbha. L-ilma li tkellem dwaru issa Ġesù kien ġej minn "fuq", l-ilma li kienet tifhem dwar il-mara kien ġej minn "isfel", mela kien ilma maħmuġ, ilma imdardar, ilma morr.

Naturalment Ġesù kien lest u bil-qalb kollha li jagħti lil dik is-Samaritana mill-ilma tajjeb u frisk li hu biss kellu minnu. Huwa kien tassew *fons vitae*, għajn tal-ħajja, għajn ta' ilma uniku. Imma biex l-ilma ta' Ġesù seta' liberament jasal sa għand dik il-mara u jimlieha anzi ifawwrilha mhux le l-ġarra tal-fuħħar li kellha ħdejn riġlejha imma lil qalbha wkoll, kien hemm il-bżonn urġenti li l-mara u hija biss tagħmel xi ħaġa indispensabbi għaliha. Tagħmel qabża fil-kwalità ta' ħajjitha! Ġesù talab lis-Samaritana tneħħi, anzi ġġarraf ix-xkiel li mhux iżomm l-ilma tiegħu milli jasal ċar u safi sa għandha. L-akkwadott kien imkisser, mela l-ilma ta' Ġesù ma setà qatt jasal għandha!! **It-tfixkil għall-ilma kienet il-ħajja diżordinata** li kienet qiegħda tgħix hija. U xejn iżjed. Ġesù ma qagħadx jistaħba wara subgħajh. Biex il-mara setgħet takkwista mill-ilma tal-għajn ta' Ġesù, il-mara Samaritana kellha tbiddel ħajjitha waħda sew. F'dan il-kas partikulari hija kellha ttellaq lil dak l-aħħar raġel li kienet qed tgħix b'mod ħażin ħafna miegħu.

U għalhekk Ġesù għamel il-pass l-ieħor fejn lill-mara qalilha biex tagħmel pass ta' kwalità. Tiltaqa' ma Alla mhux le fuq il-muntanja Gariżim, u anqas fuq il-muntanja l-oħra Ġerusalemm. Dan ir-raġunar issa spiċċa: Biex tadura tassew lil Alla mill-qalb l-ewwel trid tneħħi kull tfixkil għall-ħajja tiegħek. "Alla huwa spirtu, u dawk li jadurawh għandhom jadurawh fl-ispirtu u l-verità" (Ġw 4,24). Hawn kien il-qofol kollu tal-ilma frisk u ħaj li tkellem minnu Ġesù mas-Samaritna.

Il-mara indunat li dak li kien qed issa jkellimha ma kienx sempliċi bniedem, imma l-Messija, dak li kienu qegħdin jistennew. "Jiena hu li qiegħed nitkellem miegħek" (Ġw 4,26). Il-mara tant għamlet qabża fl-intimu tagħha, tant inbidlet fiha nfisha, tant insiet dak kollu li kellha madwarha li ħalliet il-ġarra hemmhekk (Ġw 4,28b) u marret il-belt ixxandar lil Ġesù bħala l-Messija. Il-fiduċja kollha li kellha s-Samaritana fil-ġarra u l-ilma li kienet se timla, warrbithom, telqithom insiethom għal kollox u issa li kienet iltaqgħet ma' Ġesù għajn ta' ilma safi u ħaj.

Id-diskursata tant daħlet fil-qalb tas-Samaritana, li minn dak il-ħin stess saret appostlu ta' Ġesù: "Ejjew araw bniedem li qalli kulma għamilt" (Ġw 4,29). Dan hu l-għajn tal-ilma safi, ħaj u nadif. Dak li tfisser il-għajn tal-Calì fil-pittura titulari li hemm fil-knisja tal-Fontana. Ġesù huwa tassew dik l-għajn divina, l-għajn li taqtagħlek tassew il-għatx tal-ħajja. Kemm kellu raġun il-profeta Ġeremija jikteb dwar Alla bħala l-ilma: "Għax tnejn huma d-dnubiet tal-poplu tiegħi; telqu lili, l-għajn ta' l-ilma ġieri, biex ħaffru bjar għalihom, bjar miksura li ma jżommux ilma" (Ġer 2,13).